MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2009

Numru 331/2008

**Il-Pulizija**

**Spettur Fabian Fleri**

**vs**

**Clayton Fava**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Clayton Fava iben Paul u Josette nee' Zammit, imwieled Pieta' nhar is-17 ta' Lulju 1987, residenti 74, Alley 3, Triq San Guzepp, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' numru 345887(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Bejn l-20 u is-26 ta' Dicembru 2007 minn gewwa ir-residenza bin-numru 33, Triq Tumas Dingli, Zabbar

ikkommetta serq ta' hand blender tad-ditta Kenwood, saldatur tal-elettriku u Sander tal-elettriku li l-valur taghhom ma jeccedix il-232.94 Euro (LM100) ghad-dannu ta' Joseph Farrugia, liema serq huwa ikkwalifikat bil-lok u bil-persuna.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 14 ta' April, 2008 (esebit a folio 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2009 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-2 ta' Lulju, 2009 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-fedina penali relattivament netta ta' l-imputat esebita a folio 4 tal-process u l-fatt li l-imputat ammetta l-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 261, 268 u 269 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b' applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap.

446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggieh taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tlett (3) snin millum u dan taht is-segwenti kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta’ probation, Clayton Fava ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-probation mahtur lilu.

2. L-Ufficjal tal-probation mahtur ghal dan l-iskop ghandhu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sitt (6) xhur.

3. Clayton Fava ghandu javza immedjatament lill-ufficcjal tal-probation b’ kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

4. Li ghandu jzomm ruhu f’ kuntatt ma’ l-ufficjal tal-Probation skond id-direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li huwa ghandu jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid, jircievi zjarat ta’ l-istess Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tinnotifika minnufih kopja ta’ din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------